MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 598/2006

**Suzanne Rossi I.D 418164M u Claudia Dalli I.D. 207876M**
**Bhala organizzaturi tal-konkors**
**"Miss World Malta Modelle International"**

**Vs**

**Emilia Borg**
**I.D. 530885M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-atturi li talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallashom is-somma ta' elf lira Maltija (Lm 1000) illum ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37) jew somma ohra verjuri rapprezentanti d-danni minnhom sofferti b'konsegwenza tal-vjolazzjoni da parti tal-konvenuta tal-obbligi kontrattwali minnha assunti

bhala partecipanti fil-konkors "*Miss World – Malta*" billi ppartecipat f'konkors iehor ta' sbuhija – "*Miss Italia Nel Mondo*" – bi ksur lampanti u manifest tal-kuntratt illi hija stess kienet iffirmat u li kien jirregola l-partecipazzjoni taghha fil-konkors "*Miss World – Malta*."

Bl-ispejjes kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Mejju, 2006 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuta li ecceppiet preliminarjament, il-karenza tal-interess guridiku da parti tal-atturi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-*sueccepit*, il-kuntratt iffirmat mill-atturi u mill-konvenuta jirreferi ghall-konkors "*Miss Maltese Island for Miss World 2004*' u ghaldaqstant l-azzjoni promossa mill-atturi hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi minghajr pregudizzju ghas-*sueccipit*, il-kuntratt iffirmat mill-atturi u mill-konvenuta huwa llegali u mhux legalment enforzabbli.

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-*sueccepit*, il-pretensjonijiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuta ma vvjolat l-ebda obbligu kontrattwali mill-kuntratt imsemmi mill-atturi u ghalhekk mhux responsabbli ghal ebda hlas tad-danni.

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-*sueccepit*, kienu l-atturi li vvjolaw l-obbligi kontrattwali assunti minnhom u dan meta b'mod arbitrarju eskludew lill-konvenuta milli tiehu sehem fil-konkors "*Miss World – Malta 2006*" u li sar nhar is-sibt 10 ta' Gunju, 2006, liema vjolazzjoni tterminat l-istess kuntratt.

Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-*sueccepit*, id-danni pretizi mill-atturi huma ezagerati.

Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjes kontra l-atturi.

Ra x-xhieda ta' Suzanne Rossi li hija direttrici ta' *Modelle International*, flimkien ma' Claudia Dalli, li tiehu hsieb

torganizza **Miss World, Malta**, u li ghandha ftehim ma' *Miss World Limited*, fejn ir-rebbieha hawn Malta tiehu sehem fil-konkors *Miss World*. Huma jhallsu l-licenzja kull sena u marbutin ma' certu regoli li ghandhom jigu segwiti.

F'Novembru, 2005 kienu hargu l-applikazzjonijiet ghal min ried jippartecipa u kienu ukoll intrabtu li kellu jkun hemm programm televiziv ghal tlett xhur shah li kien jissejjah "*Gateway to Miss World*," fejn il-partecipanti jidhru fuq dan il-programm. Dan il-programm kellu jixxandar darba fil-gimgha u kellu ikun hemm repetizzjoni tal-istess darbtejn f'gimgha. Tispjega ukoll li s-socjeta' *Modelle International* kienet tixtri l-*air time* fuq *Net TV* u kienu jixxandru u jidhru t-tfajliet partecipanti kuljum ghal certu hin bit-*televoting* u dan sabiex jirreklamawhom. Dan kien jidher kuljum. Tghid ukoll li kollox kien jigi bhala pakkett wiehed. L-*airtime* kien inxtara fl-2005, imbaghad hemm spejjes ta' *filming* u *editing*. Skond il-kuntratt li ghandhom, hemm stipulat li jrid ikun hemm il-*filming* u jsir jew ma jsirx xorta jridu jhallsu ghalih. Tispjega ukoll li jsir reklamar fuq il-gazzetti lokali, kif ukoll fuq *weekly magazines*.
L-attrici tghid li l-konvenuta kienet wahda minn ta' l-ewwel li kienet applikat. Il-kuntratt li jigi ffirmat ma' *Miss World Ltd*, ikollu l-klawsola taghhom, izda mbaghad lokalment jizdiedu ukoll xi klawsoli. Issir laqgha fejn il-kontenut tal-kuntratt jigi spjegat lill-partecipanti. Il-konvenuta kienet iffirmat dan il-kuntratt.

L-attrici ttenni ukoll li fil-kuntratt hemm kundizzjoni li partecipanta ma tistax fl-istess waqt li qiedgha tippartecipa ghal dan il-konkors, tippartecipa f'konkorsi ohra internazzjonali. Jekk din il-klawsola, imposta minn *Miss World Ltd*, tigi vjolata, hemm ir-riskju li s-socjeta' titlef il-licenzja fl-ahhar tas-sena, meta ikun wasal iz-zmien biex tiggedded.

L-appikazzjonjiet kienu hargu ghall-habta ta' Novembru, 2005 u l-konkors kellu jsehh f'Gunju, 2006. Kien hemm 25 partecipant u dan wara li sar *short-listing*.

Minn Novembru sa' Frar, tibda l-organizzazzjoni u mbaghad l-iffilmjar u l-*editing* isir minn Frar lil hemm.

Tikkonferma li l-konvenuta kienet hadet sehem fil-*filming* u fir-reklamar kollu. Kienet sahansitra hadet sehem fis-*souvenir programme* fejn ikun hemm reklamar u presentazzjoni tal-*isponsors* u jkun hemm presentazzjoni tal-partecipanti, bir-ritratti taghhom. Il-konvenuta kienet hadet sehem f'dan il-programm.

L-attrici tkompli tispjega li meta kienu waslu vicin is-serata finali kienet rat fil-gazzetta li l-konvenuta kienet qed tippartecipa fil-konkors *Miss Italia Nel Mondo*. Kien ghalhekk li baghtet ghaliha u spejgatilha li ma setghetx tippartecipa f'konkors ta' sbuhija iehor u l-konvenuta tatha l-impressjoni li ma kienitx taf b'dan. Peress li ma kienitx ghamlet hafna spejjes sabiex tippartecipa *f'Miss Italia Nel Mondo*, kienet talbitha biex fi zmien gimgha tirtira l-partecipazzjoni taghha, ghaliex kien hemm penali li setghu jigu imposti fuqha.

Meta ssir laqgha mal-partecipanti dejjem issir referenza ghal din il-klawsola li hemm fil-kuntratt u l-istess kuntratt jigi spjegat lilhom. Fir-rigard tal-konvenuta, ma kienitx hadet kopja tal-kuntratt u kienet biss talbet kopja tieghu meta nqalghet din il-kwistjoni.

Il-kuntratt ma jimpedix li jiehdu sehem f'*fashion shows* lokali, pero' xorta ikun hemm il-htiega li jikkomunikaw maghhom u imbaghad japprovaw il-partecipazzjoni taghhom u generalment ihalluhom jiehdu sehem f'dawn il-*fashion shows*.

Ghal bidu kienet ser taccetta u mbaghad qaltilha li kienet ser taghtiha risposta, pero' l-attrici tikkonferma li baqghet bla risposta u saret taf li l-konvenuta kienet baqqghet tiehu hsieb fil-konkors l-iehor u ghalhekk kellha tiehu l-passi necessarji.

L-attrici pprezentat prospett tal-ispejjes ghal promozzjoni tat-televizjoni, kif ukoll spejjes tas-serata finali. Fosthom tispjega ukoll illi kull partecipanta ghandha ggib *sponsor* fl-ammont ta' tlett mija u hamsin Lira Maltin (Lm 350) u cioe' ekwivalenti ghal tmien mija u hmistax-il Ewro u tmienja u

ghoxrin Ewro centezmu (€ 815.28) u dawn jehoduhom huma bhala parti mill-ispejjes.

Fil-kaz tal-konvenuta ma kienux ingabru dawn il-flus tal-*isponsor* u dan peress ma kienitx baqqghet tattendi ghal konkors.

Bhala telf ghalhekk gara li wiehed mill-*isponsors* tax-xaghar ma riedx jaghti *sponsorship* ghaliex kien hemm partecipanta nieqsa (i.e il-konvenuta). Dan l-isponsor kien *Avantegard Ltd*.

Tikkonferma ukoll illi l-ispejjes kienu tal-konkors "*Gateway to Miss World*" u ghal istess program, flimkien mal-konkors "*Miss World"* u l-ispejjes kienu thallsu kollha.

Bhala danni s-socjeta' kienet qed titlob elf lira Maltin (Lm1000) u cioe' illum ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Euro centezmu (€ 2329.37) kif ukoll spejjes tal-licenzja kull sena li tammonta ghal erbat elef sterlina ($ 4000).

Ra x-xhieda ta' Claudia Dalli, li flimkien mal-attrici Sue Rossi tmexxi il-*Miss World*, Malta u filwaqt li tikkonferma dak li xehdet Rossi, tghid li kienu spjegaw lill-konvenuta, li setghet tohrog mill-konkors ta' *Miss Italia Nel Mondo*, la darba ma kienitx ghada ffirmat kuntratt u jekk kienet ser tibqa' tinsisti li tiehu parti, kienet qed tikser il-kuntratt li kellha maghhom. Minhabba li kienet injorathom u baqqghet biex hadet parti fil-konkors l-iehor, il-kwistjoni spiccat il-Qorti.

Ra x-xhieda tal-konvenuta u tikkonferma li kienet ippartecipat fil-konkors ta' *Miss World Malta* u tghid li meta saret l-laqgha ghal partecipanti, ma setghatx tattendi minhabba li kellha x-xoghol u kien ghalhekk li kienet marret f'okkazzjoni ohra sabiex tiffirma l-kuntratt. Dalli u Rossi kienu spejgaw il-kuntratt u kienu biss semmew penali jekk kemm il-darba kienet tirbah il-konkors hawn Malta u mbaghad tirrifjuta li tippartecipa fil-konkors barra minn Malta. Kien ghalhekk li ffirmat dan il-kuntratt, izda

tikkonferma ukoll li dak il-hin ma kienux tawha kopja tal-kuntratt.

Dwar l-isponsor tispjega li jew kellha ssib sponsor ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u cioe’ ekwivalenti ghal tlett mija disgha u erbghin Ewro u wiehed u erbghin Euro centezmu (€349.50) jew inkella thallas l-ammont ta’ tlettin lira Maltin (Lm 30) u cioe’ ekwivalenti ghal disgha u sittin Ewro u tmienja u tmenin Euro centezmu (Euros 69.88) lil *Modelle International* u kienet ghazlet li thallas l-ammont ta’ tlettin lira Maltin (Lm30) u cioe’ ekwivalenti ghal disgha u sittin Ewro u tmienja u tmenin Ewro centezmu (Euros 69.88) fi zmien gimgha minn meta kienet kellmet lil Sue Rossi.

Tghid li kienet hadet sehem fl-attivitajiet ghal preparazzjoni ghal konkors *Miss World Malta* u kienet hadet sehem f’xi *filming* ghal *photoshoot* li saret fil-*Power Station* ta’ Delimara. Minkejja li partecipanti ohra kienu hadu sehem fil-programm ta’ Carlo Borg Bonaci fuq *XFM radio*, qatt ma kienet giet mistiedna fuq dan il-programm. Kienet ghamlet uzu mill-*hairdresser* li kienet gabet is-socjeta’ *Modelle International* u darba kienet marret ghand *Cut Coiffeur* biex isir *filming* ghar-riklam, peress dan is-*salon* kien wiehed mill-*isponsors*. Tghid li ma kienitx taf li s-socjeta’ *Modelle International* kellha licenzja ghal *Miss World Malta*.

Tammetti li kienet applikat sabiex tiehu sehem fil-konkors Miss *Italia Nel Mondo* u meta l-atturi saru jafu b’dan kienu baghtu ghaliha u kienu talbuha biex tohrog minn dan il-konkors ta’ *Miss Italia Nel Mondo*. Kienet avzathom li kienet ser tkompli tippartecipa u li xtaqet tibqa’ tiehu sehem maghhom. Kien hemm partecipanti ohra li kienu jiehdu sehem f’*fashion shows*, programmi fuq it-televizjoni, kif ukoll konkorsi ohra.

Kien ftit granet qabel l-ahhar serata finali meta kienet giet infurmata permezz ta’ ittra ufficjali li kienet qed tigi eskluza mill-konkors u tramite l-avukat taghha kienet baghtet tinfurmahom li kienet qed izommhom responsabbli ghad-danni li soffriet jew li setghet isoffri.

Tghid ukoll li isimha kien issemma fis-serata finali bhala partecipanta li kienet giet eliminata u l-istess kien deher fuq is-*souvenir programme*.

Tghid li thoss li m'ghandhiex thallas spejjes li qed jitolbu l-atturi u dan peress li kienet hallset l-ammont ta' tlettin lira Maltin (Lm30) u cioe' ekwivalenti ghal disgha u sittin Ewro u tmienja u tmenin Ewro centezmu (Euros 69.88) u kienu huma stess li kienu eskludewha mill-konkors u lanqas qatt ma kienu spjegawlha l-kontenut tal-kuntratt jew tawha kopja tieghu.

Ra x-xhieda ta' Joseph Rapinett u filwaqt li jikkonferma dak kollu li xehdet il-konvenuta, u jispjega li kienet avzathom li ma setghetx tattendi ghall-attivitajiet kollha u dan minhabba impenji ta' xoghol. Ighid ukoll li kienet inghatat kopja tal-kuntratt biss meta nqalghet il-kwistjoni dwar il-partecipazzjoni taghha fil-konkors *Miss Italia nel Mondo*.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, huwa car li kemm Suzanne Rossi, kif ukoll Claudia Dalli huma lkoll diretturi ta' *Modelle International*, li torganizza l-konkors ta' sbuhija, *Miss Maltese Islands* u ghalhekk f'din il-kapacita' *qua* diretturi kellhom kull interess guridiku sabiex jistitwixxu dawn il-proceduri. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi respinta bl-ispejjes ghall-konvenuta.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, li l-azzjoni hija wahda preskritta ai termini ta' L-artikolu 2153 tal-Kodici Civili it-Tribunal iqis li l-artikolu jirriferi ghal preskrizzjoni ta' sentejn ghall-hsarat li huma kkagunati mhux permezz ta' reat.

L-interpretazzjoni hija wahda, u t-Tribunal jaqbel ma' dak sottomess mill-atturi nomine ghaliex din id-disposizzjoni tal-ligi ma tirreferix ghall-hsarat jew danni li jirrizulta

minhabba ksur ta’ kuntratt. F’dan il-kaz, l-atturi qed jitolbu hlas ta’ danni minhabba, li allegatament il-konvenuta ma oneratx il-kuntratt li kien gie ffirmat bejniethom, fejn il-konvenuta ntrabet li tiehu sehem fil-konkors ta’ sbuhija, maghruf bhala *“Miss Maltese Islands, Malta 2006”*.

Id-disposizzjoni tal-Ligi tipprefiggi preskrizzjoni ta’ sentejn meta t-talba tkun ghall-hsarat ta’ danni akwiljani, li zgur mhux dan il-kaz, ghaliex id-danni li qed jintalbu jirrizulta minn ftehim li sar bil-miktub u li tieghu kienu konsapevoli kemm l-atturi kif ukoll il-konvenuta. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi respinta bl-ispejjes relative ghall konvenuta.

Dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta, cioe, li l-kuntratt li gie ffirmat bejn il-partijiet kien illegali u mhux enforzabbli, dan qatt ma jista’ jkun minnu ghaliex l-atturi nomine bhala organizzaturi u agenti ta’ *Miss World*, kellhom kull dritt li jorbtu kull partecipanta b’kuntratt u dan minhabba li l-istess atturi ghandhom certu regolamenti u kundizzjonijiet, li bhala agenti ghandhom jaghmlu mezz li dawn jigu osservati u l-ahjar mod kien dak adottat mill-atturi, cioe’ li joholqu relazzjoni kontrattwali bejniethom u mal-konvenuta. Anki din l-eccezzjoni, ghalhekk, qed tigi respinta bl-ispejjes a kariku tal-konvenuta.

Dwar ir-raba’ u l-ahhar eccezzjoni, li l-konvenuta ma kissret l-ebda kuntratt, dan it-Tribunal ser ighaddi biex jezamina l-fatti u cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni.

Il-konvenuta kienet iffirmat kuntratt mal-atturi nomine fit-28 ta’ Settembru, 2009, minn fejn jirrizulta li kienet ser tiehu sehem bhala partecipanta tal-konkors tas-sbuhija ‘*Miss World – Malta for Miss World 2006*.”

F’klawsola 9 tal-kuntratt hemm stipulat li:-

***“Throughout the entire period from the day of her acceptance as a participant up to the day following the final night of the contest (unless the participant is declared to be the winner of the said contest in which case this prohibition shall continue to apply), the***

***Participant shall be expressly prohibited from taking part in any fashion show, modeling show or beauty contest without the express authorization in writing of the organizers. Failure to abide by this regulation shall result in an automatic exclusion of the participant from the contest without any right to claim any refund in terms of Clause 6."***

Mill-provi migbura, jirrizulta li fl-stess waqt li l-konvenuta kienet giet accettata bhala partecipanta tal-konkors organizzat mill-atturi, kienet hadet sehem fil-konkors ta' sbuhija iehor maghrufa bhala "*Miss Italia Nel Mondo*." Dan il-fatt, qatt ma gie kontradett mill-konvenuta. Anzi, tinsisti li riedet tiehu sehem fiz-zewg konkorsi.

L-atturi kienu baghtu ghall-konvenuta sabiex jigbdulha l-attenzjoni li kienet in vjolazzjoni tal-kuntratt li kien hemm bejniethom u l-konvenuta baqqghet tinsisti li riedet sahanisitra tiehu sehem fit-tnejn.

Il-konvenuta ukoll ittentat taghti interpretazzjoni ohra ta' kif graw dawn il-fatti, fis-sens li qatt ma kienet konxja ta' x'kien fih il-kuntratt u li nghatat kopja meta nfethet dina l-kawza. Tinsisti li l-atturi kienu biss spjegawlha illi kien hemm penali imposta fuqha, jekk kemm-il darba tirbah il-konkors hawn Malta u mbaghad ma tippartecipax fil-konkors barra minn Malta.

Pero' mid-dokumenti li gew esebiti, jirrizulta li l-konvenuta kienet iffirmat il-kuntratt u ghalhekk ma tistax issa tuza' bhala skuza li kienet injara tal-fatt li kien hemm dawn it-tip ta' klawsoli u interpretazzjonijiet. Kien fid-dmir taghha li tiddetermina x'kien hemm miktub fil-kuntratt qabel ma ffirmat, li per konsegwenza rabtet il-konvenuta mal-atturi fi ftehim kuntrattwali.

Stabbilit illi kien hemm ksur tal-kuntratt da parti tal-konvenuta, it-Tribunal ghandu jikkwantifika d-danni. L-atturi ndikaw l-ammont bhala elf lira Maltija (Lm1000) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin Ewro centezmu (€ 2329.37) bhala

wiehed soddisfacenti tenut kont tal-flejjes li ntefqu ghal organizzazzjoni tal-konkors.

L-atturi marru oltre u pprezentaw prospett, kif ukoll ircevuti ta’ dawn li spejjes li kienu involuti sabiex jinzamm dan il-konkors u dawn kienu jammontaw ghal disa’ t’elef erbgha mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm 9,425) u cioe’ illum ekwivalenti ghal wiehed u ghoxrin elf disgha mija u erbgha u hamsin Ewro u erbgha u tletin Ewro centezmu (€ 21,954.34), kif ukoll kien hemm prospett iehor ghall-ispejjes ta’ l-ahhar serata u dawn kienu jammontaw ghal hamest elef hames mija u erbgha u sebghin Lira Maltija (Lm5, 574) u cioe’ illum  ekwivalenti ghal tnax-il elf disgha mija u tlieta u tmenijn Ewro u tleita u disghin Ewro centezmi (€ 12,983.93), u ghalhekk b’kollox hemm total ta’ erbghatax-il elf u disgha mija u disgha u disghin Lira Maltija (Lm 14,999) illum ekwivalenti ghal erbgha u tletin elf disgha mija u tmienja u tletin Ewro u sebgha u ghoxrin Ewro centezmi (€ 34,938.27).

Fil-maggorparti dawn huma spejjes li kienu jikkonsistu fir-reklamar tal-konkors, attivitajiet relatati mal-istess konkors bhala *styling*, *hairdressing*, ritratti, *make–up* u hafna affarijiet ohra.

Il-konvenuta tibqa’ tinsisti li l-partecipazzjoni taghhha f’konkors ta’ sbuhija ohra, qatt ma setghet taffetwa jew tikkaguna danni lill-atturi. It-Tribunal ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni tal-konvenuta ghaliex effettivament, fil-mument li l-konvenuta irrifjutat li tirtira l-partecipazzjoni taghha *f’Miss Italia Nel Mondo*, l-atturi ma kellhomx ghazla hlief li jitterminaw l-partecipazzjoni taghha fil-konkors organizzat minnhom bil-konsegwenzi danni, ghaliex il-konvenuta kienet nkluza f’dak li jirriwgarda r-reklamar, l-ispejjes tar-ritratti, il-*make-up* u dak kollu li jirrikjedi l-konkors biex ikun success, flimkien ma’ 29 partecipanta ohra. Certi spejjes kienu saru a benficcju taghha u n-nuqqas taghha gara f’perijodu fejn ma setghax kien hemm rimedju.

In sostenn ta’ dan l-organizzaturi tal-konkors hadu hsieb li jipprotegu l-posizzjoni taghhom meta fl-istess kuntratt ta’ l-

1 ta’ Novembru, 2005, f’klawsola 2 tat-tieni parti tal-ftehim hemm stipulat:-

***“(2) The Participation shall hold the Organisers harmless and shall indemnify the Organisers for all damages which the Organizers may sustain by way of non-disclosure by the Participant of any information which renders her ineligible to participate in the Miss Maltese Islands for Miss World 2004 contest……”***

Din il-klawsola ghandha tigi nterpretata mal-klawsola 9 ghaliex fil-mument li l-konvenuta ppruvat tahbi lill-atturi li kienet qed tiehu sehem f’konkors ta’ sbuhija ohra simultanjament, per se, diga’ ma kienitx qieghda tonnora l-parti tal-ftehim taghha, bil-konsegwenzi danni ghall-atturi.

L-atturi kif inghad pprezentaw prospett, kif ukoll ircevuti ta’ dawn li spejjes li kieni involuti sabiex jinzamm dan il-konkors u dawn kienu jammontaw ghal ghal disa’ t’elef erbgha mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm 9,425) u cioe’ illum ekwivalenti ghal wiehed u ghoxrin elf disgha mija u erbgha u hamsin Ewro u erbgha u tletin Ewro centezmu (€ 21,954.34), kif ukoll kien hemm prospett iehor ghall-ispejjes ta’ l-ahhar serata u dawn kienu ghal hamest elef hames mija u erbgha u sebghin Lira Maltija (Lm5, 574) u cioe’ illum ekwivalenti ghal tnax-il elf disgha mija u tlieta u tmenijn Ewro u tleita u disghin Ewro centezmi (€ 12,983.93), u ghalhekk b’kollox hemm total ta’ ta’ erbghatax-il elf u disgha mija u disgha u disghin Lira Maltija (Lm 14,999) illum ekwivalenti ghal erbgha u tletin elf disgha mija u tmienja u tletin Ewro u sebgha u ghoxrin Ewro centezmu (€ 34,938.27).. Jigi ripetut ukoll illi fil-maggorparti dawn huma spejjes li kienu jikkonsistu fir-reklamar tal-konkors, attivitajiet relatati mal-istess konkors bhala *styling*, *hairdressing*, ritratti, *make–up* u hafna affarijiet ohra.

Stabbilit illi kien hemm ksur tal-kuntratt da parti tal-konvenuta, it-Tribunal ghandu jikkwantifika d-danni. L-atturi ndikaw l-ammont bhala elf lira Maltija (Lm1000) u cioe’ ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin

Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmu (€2329.37) bhala wiehed soddisfacenti tenut kont tal-flejjes li ntefqu ghal organizzazzjoni tal-konkors.

Meta l-atturi hadu hsieb l-organizzazzjoni hadu hsieb ukoll li jkopru spejjes ghal tlettin participant u meta kellhom jirtiraw il-partecipazzjoni tal-konvenuta minhabba li ma kienietx onerat il-ftehim li kien hemm bejniethom, sehh telf, meta wiehed iqis li l-istess partecipanta ma gietx sostitwita t-Tribunal jaqbel ma’ dak sottomess mill-atturi u jaghmel u jikkonferma s-sentenzi ccitati minnhom fin-nota’ ta’ sottomissjonijiet taghhom.

Kull ma huma qed jitolbu l-atturi huwa 1/30 tal-ispejjes li ntefqu ghal dan il-konkors, li huma jikkwantifikaw fl-ammont ta’ bhala elf lira Maltija (Lm1000) u cioe’ ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmi (€2329.37). Madanakollu, mill-kalkolazzjoni li ghamel dan it-Tribunal, skond id-dokumenti SRX 1 u SRX 2 t-total jammonta ghal disa’ t’elef erbgha mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm 9,425) toghod maghhom hamest elef hames mija u erbgha u sebghin Lira Maltija (Lm5, 574); (Lm9,425 + Lm5,547). Hemm ukoll tlett mija u hamsin Lira Maltija (Lm350) li gew avvanzati bhala spejjes personali ghall-konvenuta. Jekk l-atturi kienu qed jippretendu 1/30 mit-total dan iwassal ghal erbgha mija u disgha u disghin Lira Maltija (Lm499); disa’ t’elef erbgha mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm 9,425) toghod maghhom hamest elef hames mija u erbgha u sebghin Lira Maltija (Lm5, 574) divizi bi 30; (Lm9,425 + Lm5547/ 30 = Lm499) u cioe’ ekwivalenti ghal elf mija tnejn u sittin Ewro u sitta u tlettin Ewro centezmu (€ 1162.36) u ma’ dawn ghandhom jizdiedu t-tlett mija u hamsin Lira Maltija Lm350 u cioe’ ekwivalenti ghal tmien mija u hmistax-il Ewro u tmienja u ghoxrin Ewro centezmu (815.28 Euro) li b’kollox iwasslu ghal ammont finali ta’ tmien mija u disgha u erbghi Lira Maltija (Lm849), u cioe’ ekwivalenti ghal elf disa’ mija u sebgha u sebghin Ewro u erbgha u sittin Ewro l-centezmu (€ 1977.64) li tenut tac-cirkostanzi huwa gust u meritevoli.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi l-ammont ta’ elf disa’ mija u sebgha u sebghin Ewro u erbgha u sittin Ewro l-centezmu (€ 1977.64) u cioe’ ekwivalenti ghal tmien mija u disgha u erbghin Lira Maltija (Lm 849). Oltre l-ispejjes gia decizi, l-konvenuta ghandha tbati disa’ minn ghaxra (9/10) parti tar-rimanenti spejjes gudizzjarji u l-imghax kif mitluba filwaqt li l-atturi ihallsu r-rimanenti wahda minn ghaxra parti (1/10).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------